**27 ta' Novembru, 1998**

**Imhallef:-**

**Onor. Frank G. Camilleri LL.D.**

A

*versus*

B *et*

**Paternità - Kawża għal Dikjarazzjoni ta'**

*Il-Qorti laqgħet it-talba attriċi fejn iddikjarat illi minuri kien iben naturali tal-konvenut.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi li biha, wara li ppremettiet:

Li, fil-25 ta' Ġunju, 1995, twieldet tarbija li ngħata l-isem ta' C;

Li l-missier naturali tat-tarbija huwa ċertu B (il-konvenut);

Li, wara tliet xhur li hija u l-konvenut kienu flimkien, hija ħarġet tqila bl-imsemmija tarbija C;

Li missier it-tarbija huwa miżżewweġ ma' D u minn dan iż-żwieġ għandhom żewġt itfal;

Li, pendenti bejn il-konjuġi hemm kawża għas-separazzjoni personali quddiem l-Imħallef Vincent Degaetano, fin-numru 242/94;

Li l-konvenut jirrifjuta li jirrikonoxxi l-minuri C;

Talbet għalhekk li l-konvenuti jew min minnhom għar-raġunijiet premessi jgħidu għaliex dina l-Qorti m'għandhiex:

Tiddeċiedi u tiddikjara li l-konvenut B huwa missier naturali tat-tifel C;

Tikkundanna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jħassar il-kliem "missier mhux magħruf" mill-kolonna "Isem u Kunjom il-Missier" u jissostitwihom b'" B - Crane Operator", ta' 37 sena, imwieled B'Kara u joqgħod il-Mellieħa bin Carmelo u jiġu inseriti fil-kolonni sussegwenti;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti jew min minnhom inġunt in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata u n-nota tax-xiehda ta' l-attriċi;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* li biha eċċepew:

*Illi* huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawża;

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata u n-nota tax-xiehda ta' l-*istess konvenuti nomine*;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut B li biha eċċepixxa:

Illi huwa jirrespinġi t-tieni premessa ta' l-attriċi li huwa l-missier naturali tat-tarbija C, u dana kif jiġi mfisser fid-dikjarazzjoni ġġuramentata ta' l-istess konvenut hawn indikat;

Illi t-tielet premessa ta' l-attriċi hija kkontestata kif jiġi mfisser fid-dikjarazzjoni ġġuramentata ta' l-istess konvenut;

Illi, fir-rigward tar-raba' premessa, il-konvenut jissottometti li huwa rrilevanti fiċ-ċirkostanzi li l-attriċi tqabbel l-allegazzjoni infondata li huwa missier it-tarbija u fl-istess ħin tgħid li huwa miżżeweġ ma' mara u li minn dak iż-żwieġ kellu żewġt itfal, wieħed hawn jistaqsi x'inhija r-relevanza ta' din il-premessa u fuq liema bażi l-attriċi tiġi tagħmel l-allegazzjoni li l-konvenut huwa missier it-tarbija msemmija fiċ-ċitazzjoni odjerna;

Illi huwa ukoll jindika lil dina l-Qorti biex tordna lill-attriċi tirrileva x'inhija r-relevanza tal-ħames premessa, għad illi l-attriċi għandha tgħid ukoll, allura fiċ-ċirkostanzi, li l-avukat difensur ta' l-attriċi huwa l-istess avukat ta' mart il-konvenut, D, u jekk dan il-fatt huwa ta' interess għall-attriċi, huwa jassigura lill-Qorti li għalih m'huwa ta' interess xejn, u għalhekk huwa sottomess illi l-ħames premessa ukoll hija rrilevanti għall-meritu tal-kawża li qiegħda tintavola l-attriċi;

Illi huwa ma jistax jirrikonoxxi dak li mhuwiex tiegħu, u għalhekk is-sitt premessa attriċi hija ukoll infondata fil-fatt u fid-dritt;

Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti kemm bħala fatt kif ukoll bħala dritt, apparti mill-fatt illi huwa jirriserva kwalsiasi azzjoni lilu għad-danni spettanti kontra l-istess attriċi, billi l-attriċi m'għandha ebda raġuni legalment valida li tiddikjara hi li huwa l-missier naturali tat-tifel C;

Illi t-tieni talba attriċi għandha ukoll tiġi respinta kontra l-istess attriċi;

Illi huwa m'għandu ibati ebda forma ta' spejjeż, la dawk ġudizzjarji u lanqas extraġudizzjarji; filwaqt li huwa jirriserva kwalsiasi azzjoni għad-danni li setgħu kienu sofferti minnu kontra l-attriċi;

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata u n-nota tax-xiehda tal-konvenut B;

Rat li l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku regolarment innotifikat biċ-ċitazzjoni baqa' ma ppreżentax nota ta' eċċezzjonijiet u, għalhekk, waqa kontumaċi fil-kawża;

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Marzu, 1997 li bih ġie nnominat it-Tabib Patoloġu Dottor Joseph Louis Grech sabiex jagħmel il-prelevamenti tad-demm minn fuq il-persuna ta' l-attriċi, kif ukoll minn fuq il-persuna tal-konvenut B u minn fuq il-persuna tal-minuri C u biex wara jibgħathom fil-laboratorji, fl-Ingilterra, biex ikun jista' jsir *DNA Paternity Testing Report*, fir-rigward tal-konvenut B;

Rat ir-rapport ta' l-imsemmi Tabib Patalogu Dottor Joseph Louis Grech, ikkonfermat bil-ġurament fl-udjenza tat-30 ta' Marzu, 1998;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Eżaminat id-deposizzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Li din il-kawża qiegħda ssir mill-attriċi sabiex il-Qorti tiddikjara li binha minuri C, li jinsab rappreżentat fil-kawża minn kuraturi deputati, jiġi ddikjarat iben naturali tal-konvenut B u biex *jiġi* ordnat *mill-Qorti li ċ-Ċertifikat tat-Twelid ta'* l-istess binha minuri jkun korrett fis-sens li ma jibqax jidher bħala iben "missier mhux magħruf" iżda bħala l-wild naturali ta' l-istess konvenut B;

Il-konvenut B rrifjuta li jirrikonoxxi bħala ibnu lill-minuri C u l-kawża saret proprju minħabba dan ir-rifjut tiegħu;

Fil-kawża, imbagħad, l-istess konvenut qal li ma jistax jirrikonoxxi dak li mhux tiegħu u, kwindi, qiegħed jeċċepixxi li d-domandi attriċi għandhom jiġu respinti bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Ikkunsidrat:

Li jidher ċar li din l-azzjoni hija waħda ta' tfitxija tal-paternità tat-tifel minuri C li, fiċ-Ċertifikat tat-Twelid tiegħu (kopja esebita a *fol. 7*), *ingħata l-kunjom ta' ommu, ċjoè A u,* fir-rigward ta' missieru, ġie rreġistrat bħala ta' paternità njota;

Jingħad li jirriżulta mit-testijiet li saru fis-*Celmark Diagnostics Laboratories*, li jinsabu f'Oxfordshire, l-Ingilterra, li meta ġew imqabbla l-*bands* tal-minuri C ma dawk ta' l-omm A (l-attriċi), mill-anqas erbatax-il waħda ma nstabux fid-demm

taghha. Dawn setghu jintirtu biss mill-missier bijoloġiku u minn dawn hemm tlettax (13) li jinstabu fid-DNA ta' B. Ghalhekk, skond ir-rapport peritali, l-konklużjoni hija li l-konvenut B mhux eskluż mill-paternità ta' C u li minn dawn ir-riżultanzi jidher li probabbilità li l-konvenut B huwa l-veru missier bijoloġiku ta' C hija ghall-inqas miljun darba aktar milli kieku dawn ma kinux jiġu minn xulxin. Ghalhekk, ikompli jinghad fir-rapport, din il-probabbilità li l-konvenut B huwa l-veru missier, fuq il-bażi tad-DNA, hija mhux anqas minn 99.99% (fil-mija);

Ikkunsidrat:

Li dan ir-riżultat huwa korroborazzjoni shiha ta' dak li xehdet l-attriċi. Din, fl-affidavit taghha (fol. 16), qalet li t-tarbija C kienet twieldet mir-relazzjoni sesswali li kellha mal-konvenut billi dan kien iqum u jorqod maghha ghal tliet (3) xhur shah;

L-attriċi rrakkontat kif, fl-ahhar ġimgha ta' Novembru, 1994, hija hassitha ma tiflahx u marret ghand it-tabib biex taghmel it-test u dan kien qalilha li kienet tqila u li t-tarbija kienet ġà ffurmata. Meta marret lura d-dar sabet lill-konvenut B hemm billi dan kellu ċ-ċavetta tad-dar taghha u malli tatu l-ahbar qalilha li daqshekk ratu hemm u talabha tnehhi t-tarbija biex ma ttellfux dar li kienet, skond ma qal, tiswa Lm30,000;

Huwa żied jghidilha li jekk isir jaf hu l-mara tieghu li kien qieghed jiġi ghandha u li kienet tqila kien "itellfu" d-dar. Dak in-nhar il-konvenut B spiċċa biex telaq mid-dar iżda halla hwejjġu hemm;

Darba minnhom, tkompli tghid l-attriċi, meta kien ġà kellha hames xhur tqala, il-konvenut B reġa' ġie d-dar u, wara li reġghu kellhom x'jaqsmu sesswalment, telaq 'il barra u ma

ratux iżjed u lanqas ma semgħet leħnu; sakemm, malli ħarġet mill-Isptar, wara li weldet, ċemplitlu biex imur jara t-tarbija u l-konvenut, wara li staqsieha kif kienet u hi semmietlu t-tarbija u qaltlu li xtaqet li jaraha, qatagħlha t-telefon;

Meta rat li l-affarijiet waslu sa hawn, l-attriċi marret tkellem lil ħu l-mara tal-konvenut B u qaltlu li kellha tifel mir-raġel t'oħtu u, wara li dan ħuha staqsieha jekk kinitx lesta tiltaqa' m'oħtu, aċċettat li tiltaqa' magħha. Fil-fatt, iltaqgħet magħha u din stqarret li t-tifel kien jixbah ħafna liż-żgħir tagħha u qaltilha ukoll li kull meta kien ikollha t-tfal tal-konvenut B huwa kien jgħidilha li ma kinux tiegħu;

Ikkunsidrat:

Li l-attriċi xehdet ukoll dwar l-atteġġjament li l-konvenut B ħa fil-konfront tagħha u tal-minuri C matul il-kors tal-kawża;

L-attriċi qalet li meta kienet ġiet il-Qorti l-ewwel darba, kienet iltaqgħet mal-konvenut B, li kien ġie ukoll għall-kawża. Dan kien qalilha li ried jara lill-minuri C u hi qaltlu li kienet kuntenta li jarah. Fil-fatt, mill-Qorti ħarġu flimkien u baqgħu jimxu flimkien sal-karozza tagħha li kienet ipparkjata u tatu "*lift*" sal-karozza tiegħu li kienet ipparkjata fl-inħawi tal-Mandraġġ. Waqt li kien riekeb magħha, il-konvenut B beda jkellimha u hi qaltlu li t-tarbija kienet tiegħu. Imbagħad hu qalilha li ma kellhiex għalfejn tgħid lil martu u hi weġbitu li l-mara tiegħu saret taf għax xi ħadd qalilha;

L-attriċi qalet li jumejn qabel ma kienet saret l-aħħar seduta tal-Qorti kienet iltaqgħet mal-konvenut B f'Paceville u dan qalilha li xtaq li jara lill-minuri C u hi qaltlu li kienet kuntenta li jarah;

dak in-nhar tas-seduta, li ma kinitx inżammet, hija ġabet lit-tarbija magħha u l-konvenut raha u qagħad jilgħab miegħu fil-kuridur tal-Qorti;

Jingħad ukoll illi fir-rikors tagħha tas-16 ta' April, 1997 (fol. 46), l-attriċi qalet li l-konvenut B kien mar darbtejn id-dar tagħha biex jara lit-tifel minuri C u dam jilgħab miegħu għal xi siegħat;

Ikkunsidrat:

Il-konvenut baqa' ma xehedx fil-kawża u l-unika xhieda tiegħu, għalhekk, hija dik li hemm fid-dikjarazzjoni ġġuramentata li takkompanja n-nota ta' eċċezzjonijiet. F'din id-dikjarazzjoni l-konvenut B jtenni diversi drabi li t-tarbija mhix il-wild tiegħu u jgħid ukoll illi l-attriċi kellha relazzjoni sesswali ma diversi rġiel. Din l-aħħar xhieda baqgħet biss allegazzjoni għaliex, fil-proċess, m'hemmx l-iċken prova li tista' titqies bħala prova in sostenn tagħha;

Għalhekk, il-Qorti għandha quddiemha relazzjoni estremament teknika li ma tħalli l-ebda dubbju raġonevoli li l-*minuri C huwa l-wild naturali tal-konvenut B minn relazzjoni* sesswali li huwa kellu ma' l-attriċi, kif ukoll ix-xhieda dettaljata ta' l-attriċi li ndubbjament torbot it-twelid ta' l-istess minuri mar-relazzjoni sesswali li hija kellha ma' l-istess konvenut;

Jingħad ukoll illi l-konvenut B mhux biss ma pprova jikkontrasta x-xhieda mogħtija fil-kawża mill-attriċi, talli d-difensur tiegħu baqa' ma għamilx il-kontro-eżami lill-attriċi. Dan l-atteġġjament jista' jiġi spjegat bħala aċċettazzjoni ta' dak li kien ġà ġie ppruvat permezz tar-relazzjoni peritali;

F'dawn iċ-ċirkostanzi u fl-istat tal-provi proċesswali, il-

Qorti ma ssib l-ebda diffikultà biex takkolji t-talbiet attriċi;

Għal dawn il-motivi:

Taqta' u tiddeċidi l-kawża billi, prevja adozzjoni tar-rapport peritali, tilqa' t-talbiet attriċi u hekk: (1) tiddikjara li l-konvenut B huwa l-missier naturali tal-minuri C li twieled fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju, 1995; u (2) konsegwentement, tordna li, fl-Att tat-Twelid ta' l-istess minuri, li jġib in-numru progressiv 2731 tas-sena 1995, issir il-korrezzjoni meħtieġa billi, fil-parti relattiva għal "Tagħrif dwar missier it-tarbija", taħt "Isem u Kunjom" jiġu kkanċellati l-kliem "*unknown father*", u jiġu sostitwiti bil-kliem "B" u jingħataw il-partikolaritajiet tiegħu fil-kolonni appożiti billi jiġu nseriti l-kliem "*Crane Operator*" fil-kolonna li tindika s-sengħa, "37", fil-kolonna li tindika l-età u l-kelma "Birkirkara" fil-kolonna li tindika fejn twieled u l-kelma "Mellieħa" fil-kolonna li tindika l-post fejn joqgħod u l-kliem " E (*alive*)" fil-kolonna fejn tingħata l-paternità tal-missier;

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu bin-nofs bejn l-attriċi u l-konvenut B.